

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2007/2001(INI)

26.6.2007

OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar L-iffunzjonar tad-Djalogi tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-konsultazzjonijiet
dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ma' Pajjiżi Terzi
(2007/2001(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Feleknas Uca

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li għejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni li se jadotta:

- A. billi d-drittijiet tan-nisa u t-tfal jiffurmaw parti inaljenabbli, integrali u indiviżibbli mid-drittijiet universali tal-bniedem, kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni ta' Beijing u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' l-1995,
1. Jinsisti li d-drittijiet tan-nisa huma parti integrali mid-drittijiet tal-bniedem u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tinkludi l-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tan-nisa b'mod espliċitu u sistematiku f'kull djalogu ta' l-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi terzi; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-bżonn li jitwaqqaf mekkaniżmu trasparenti li jikkonċerna speċifikament id-drittijiet tan-nisa għall-monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet esterni ta' l-UE u sabiex tittieħed azzjoni xierqa jekk din il-klawżola tinkiser;
 2. Ifakkar fl-importanza tas-soċjetà ċivili, speċjalment fl-attivitajiet ta' l-NGOs fil-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa, u jirrakkomanda li s-soċjetà ċivili tkun inkluża b'mod sħiħ fid-djalogi bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi f'dan il-qasam;
 3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex isaħħu l-ko-azzjoni bejn inizjattivi relatati mal-ġeneru u tas-soċjetà ċivili skond l-istrumenti eżistenti Ewropej tad-drittijiet tal-bniedem u sabiex jinkoraġġixxu lill-pajjiżi terzi jiżguraw kollaborazzjoni u koordinazzjoni tax-xogħol ta' l-entitajiet u l-mekkaniżmi kollha tad-drittijiet tal-bniedem;
 4. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tissorvelja b'mod sistematiku r-ratifikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni CEDAW u l-protokoll mhux obligatorju marbut magħha fil-qafas tad-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi terzi u sabiex jirraporta dwar dan f'aġġornamenti regolari lill-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jiżguraw li d-drittijiet garantiti mill-Konvenzjoni huma rispettati f'dawk il-pajjiżi terzi sabiex tonqos id-differenza bejn l-eżistenza tad-drittijiet tan-nisa u l-eżerċitar effettiv ta' dawk id-drittijiet;
 5. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tagħmel lista speċifika għal ġeneru ta' diskriminazzjonijiet skond il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) u l-Patti tad-Drittijiet tal-Bniedem bħala metodi ta' produzzjoni u proċess (PPMs) kif definit fil-qafas tad-WTO, sabiex titwaqqaf dejtabejż ta' prodotti u ditti li jistgħu eventwalment ikunu pprojbiti milli jkunu importati fl-UE;
 6. Jinsisti li d-drittijiet tan-nisa jkunu espliċitament indirizzati fid-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem u b'mod partikolari l-għlieda u l-eliminazzjoni tal-forom kollha ta' diskriminazzjoni u vjolenza kontra n-nisa u t-tfal bniet, inklużi l-forom kollha ta' prattiki tradizzjonali u użanzi li jagħmlu ħsara, per eżempju l-mutilazzjoni ta' l-organi sesswali femminili u ż-żwiġijiet bikrija jew sfurzati, il-forom kollha tat-traffikar tal-bnedmin, il-

vjolenza domestika, il-qtil tan-nisa, l-isfruttar fuq il-post tax-xogħol u l-esplojtazzjoni ekonomika;

7. Jinsisti fuq l-inklużjoni espliċita tad-drittijiet tan-nisa f'approċċ ibbażat fuq il-ġeneru fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u b'mod partikolari t-traffikar tan-nisa u t-tfal għall-esplojtazzjoni sesswali jew għax-xogħol u għat-tneħħija ta' l-organi sesswali;
8. Jenfasizza li għandhom jittieħdu miżuri speċifiċi sabiex jinkoraġġixxu iktar parteċipazzjoni qawwija tan-nisa fis-suq tax-xogħol, fl-affarijiet ekonomiċi u soċjali, fil-ħajja politika u fit-teħid ta' deċiżjonijiet u fil-prevenzjoni ta' konflitti u fis-soluzzjoni ta' tagħhom, fil-bini u fir-rikostruzzjoni tal-paċi; jirrakkomanda parteċipazzjoni wiesgħa u bbilanċjata bejn is-sessi tal-Membri tal-Parlament Ewropew fl-evalwazzjoni ta' proġetti dwar id-drittijiet tal-bniedem iffinanzjati mill-KE u involviment ikbar tal-Parlament Ewropew fid-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi terzi;
9. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi taħriġ dwar id-drittijiet tal-nisa għall-istaff u l-uffiċjali kollha tad-delegazzjoni tal-Kummissjoni, speċjalment dawk inkarigati mid-drittijiet tal-bniedem u mill-attivitajiet ta' għajjnuna umanitarja;
10. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tadotta proposta għal kodiċi ta' kondotta għal uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet u l-entitajiet tal-Komunità, b'mod partikolari waqt missjonijiet ta' l-UE f'pajjiżi terzi simili għal kodiċi ta' kondotta maħruġ min-NU; jikkunsidra li l-kodiċi għandu jesprimi b'mod ċar diżapprovazzjoni tax-xiri ta' servizzi sesswali, ta' forom oħra ta' esplojtazzjoni sesswali u ta' vjolenza bbażata fuq il-ġeneru, għandu jinkludi sanzjonijiet neċessarji f'każijiet ta' ksur ta' kondotta, u li uffiċjali għandhom jingħataw informazzjoni ddetaljata dwar il-kontenut tal-kodiċi ta' kondotta qabel jintbagħtu fuq missjoni;
11. Jirrakkomanda l-adozzjoni ta' miżuri li jiżguraw ambjent sikur għan-nisa u tfal bniet, sabiex ikunu garantiti drittijiet ugwali għat-tfal bniet fl-edukazzjoni u t-taħriġ; jirrakkomanda l-promozzjoni tas-saħħa sesswali u riproduttiva u tad-drittijiet, inklużi d-dritt li jittieħdu deċiżjonijiet dwar riproduzzjoni mingħajr diskriminazzjoni, koerzjoni u vjolenza u l-għoti tas-setgħa lin-nisa, li se jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-HIV/AIDS;
12. Jirrakkomanda l-adozzjoni ta' miżuri li jsaħħu s-sigurtà fiżika tan-nisa u t-tfal bniet fil-kampijiet tar-refuġjati u li jissalvagwardaw u jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem tal-persuni spostati;
13. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex kull sena tagħmel laqgħat ta' aġġornament dwar id-djalogi ta' l-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem lill-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-oqsma kollha relatati mal-ġeneru;
14. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Beijing u l-Pjattaforma ta' Azzjoni; iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jinkoraġġixxu lill-pajjiżi terzi jinkorporaw prospettiva dwar il-ġeneru fil-programmi ta' azzjoni nazzjonali u fid-drittijiet tal-bniedem u l-integrazzjoni

sistematika tas-sessi fil-politiki nazzjonali;

15. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tiżgura waqt id-djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem ma' pajjiżi terzi l-iżvilupp ta' programm edukattiv komprensiv dwar id-drittijiet tal-bniedem sabiex titqajjem kuxjenza fost in-nisa tad-drittijiet umani tagħhom u titqajjem kuxjenza ġenerali tad-drittijiet umani tan-nisa;
16. Iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jinkoraġġixxu pajjiżi terzi sabiex jinkorporaw il-prinċipju ta' l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-leġislazzjoni tagħhom, u sabiex jiżguraw permezz tal-liġi u strumenti xierqa oħra li dan jinkiseb u sabiex jiggarrantixxu r-rispett għal dawn id-drittijiet fl-oqsma kollha;

PROĊEDURA

Titolu	L-iffunzjonar tad-Djalogi tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-konsultazzjonijiet dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ma' Pajjiżi Terzi	
Numru tal-proċedura	2007/2001(INI)	
Kumitat responsabbli	AFET	
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	FEMM 18.1.2007	
Koperazzjoni aktar mill-qrib - data mħabbra fis-seduta plenarja		
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Feleknas Uca 20.12.2006	
Rapporteur għal opinjoni preċedenti		
Eżami fil-kumitat	4.6.2007	25.6.2007
Data ta' l-adozzjoni	25.6.2007	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 20 -: 0 0: 1	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Edit Bauer, Emine Bozkurt, Esther De Lange, Věra Flasarová, Esther Herranz García, Urszula Krupa, Pia Elda Locatelli, Marie Panayotopoulos-Cassiotou, Zita Pleštinská, Christa Prets, Raül Romeva i Rueda, Amalia Sartori, Eva-Britt Svensson, Anna Záborská	
Sostitut/i preżenti għall-votazzjoni finali	Gabriela Crețu, Lena Ek, Anna Hedh, Mary Honeyball, Elisabeth Jeggle, Maria Petre, Feleknas Uca	
Sostitut/i preżenti għall-votazzjoni finali skond ir-Regola 178(2)		
Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)	...	